MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2015

Rikors Kongunt Numru. 529/2014

**A B**
**u**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettew:

Illi l-partijiet kienu nghaqdu fiz-zwieg nhar il-21 ta' Settembru tas-sena 1991 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg markat Dok A;

Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet ghandhom zewgt itfal jisimhom M li twieldet fit-22 ta' Lulju tas-sena 1992 u O li twieled nhar it-30 ta' April tas-sena 1996;

Illi l-istess partijiet ilhom ighixu hajja separata minn ma xulxin ghal dawn l-ahhar disa snin;

Illi in vista tal-premess ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li ilhom separati dan iz-zmien kollu u inoltre z-zewg partijiet qed ighixu hajja indipendenti minn ma xulxin;

Illi jinghad inoltre li ma jezisti ebda obbligu ta' alimenti fil-konfront ta' xulxin peress illi t-tnejn li huma ghandhom impjieg;

Illi jinghad inoltre li ma hemm ebda obbligu jew pendenza dwar hlas ta' manteniment fil-konfront ta' uliedhom peress illi t-tnejn huma maggorenni, jahdmu u ebda wiehed minnhom ma baqa student *full time;*

Illi ghalhekk il-fatti hawn fuq imsemmija huma sufficcjenti sabiex jissoddisfaw l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-otteniment tad-Divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu li din il-Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tiddikjara t-terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti ezistenti bejn il-konjugi B;
3. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien stipulat mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet u kif ukoll bit-terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti ta' bejniethom halli dan l-istat ikun jista jigi registrat fir-Registru Pubbliku;
4. Tordna li mill-process ghal likwidazzjoni, divizjoni u assenjazzjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti ma ghandux jigi inizjat qabel sentejn minn meta l-ahhar wiehed jew wahda fost l-ulied ikun ivvaka d-dar konjugali b'mod permanenti jew meta l-izghar wiehed fost l-ulied jaghlaq hamsa u ghoxrin sena, skont liema cirkostanza tavvera ruhha l-ewwel u dana sakemm il-konjugi B flimkien ma jaslux fi ftehim fuq terminu iqsar;
5. Taghti u/jew tordna kull provvediment iehor li jkun jidhrilha hekk xieraq u opportun;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Jannar, 2015;

Semghet lill-partijiet jixdhu bil-gurament taghhom;

Rat illi l-partijiet ipprezentaw nota illi turi illi ghaddew mill-procedura ta' medjazzjoni; liema procedura inghalqet fit-3 ta' April 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom de facto separati ghal dawn l-ahhar disa' snin u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, tiddikjara ukoll it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Il-Qorti tordna illi l-process ta' likwidazzjoni u divizjoni u assenjazzjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti ma tigix inizjata qabel sentejn minn meta l-ahhar wiehed jew wahda fost l-ulied tal-partijiet ikun ivvaka id-dar konjugali b'mod permanenti jew meta l-izghar wiehed fost l-

ulied jaghlaq hamsa u ghoxrin sena, skont liema cirkostanza tavvera ruhha l-ewwel u dan dejjem sakemm il-konjugi B flimkien ma jaslux f’xi ftehim fuq terminu iqsar;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------